**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
*Citta' Beland*

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 08/15. | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 22/07/15 fis-6.50pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti fi 8.00pm |
| | | Joan Agius | Preżenti fi 7.15pm |
| | | Claude Camilleri | Preżenti fi 6.50pm |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti fi 7.15pm |
| | | Joseph Hales | Skużat |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Joanne Muscat | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **08.** | **1.** | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| 08. | 1. | 1 | | Proponent: Joe Hales<br>Sekondant: Sean Chircop | Il-Minuti 07/15 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korezzjonijiet kif ġej | |
| | | | 07.2.3 | Flok il-kliem Viċi Sindku tiġi taqra Sindku | | |
| | | | 07.2.4 | Flok il-kliem VAT tiġi taqra V18 | | |
| | | | 07.5.16 | Flok il-kliem shut down jinqara f'għeluq | | |
| 08. | 1. | 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **08.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| 08 | 2 | 1 | 07.2.2 | Chircop: Memo 11/2015 | Chircop saqsa jekk il-Kunsill ġiex infurmat b'xi ħaġa fi rigward tan-niċċa ta' San Ġuzepp. Is-Segretarju filwaqt li rrisponda fin-negattiv, is-Sindku informa lil Kunsill li ser jiprova ikellem lil xi ħadd hu. | Sindku |
| 08 | 2 | 2 | 07.5.2 | Chircop u Agius: Ġnien San Girgor | Il-Kunsilliera Chircop u Agius infurmaw lil Kunsill li waqt l-attivitajiet rispettivi tagħhom il-Ġnien ma tnadafx. Is-Sindku informa lil Kunsill li l-ittra li kellha isir lil Kuntrattur inġabret. | Hales |
| 08 | 2 | 3 | 07.5.4 | Chircop: Attivita 6 ta' Lulju | Chircop informa lil Kunsill li l-attivita ta' 6 ta' Lulju saret u kienet suċċess, il-konkorrenza kienet tajba ħafna. L-Għana nizlet tajba ħafna. Ir-rebbiegħ għal din is-sena għal kompettizzjoni tal-inbid kien Noel Theuma. Is-Sindku skuża ruħu għax wasal tard u ingħata l-parir li darb'oħra nispiċċaw is-serata bl-għana. | |
| 08 | 2 | 4 | 07.5.5 | Chircop: Premju Frans Sammut | Is-Sindku talab lil Chircop sabiex jieħu ħsieb din l-inizjattiva. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 2 | 5 | | 07.5.2 | Caruana: Qtugħ ta' ħaxix / żbir | Caruana informa lil Kunsill li f'diversi inħawi fiż-Żejtun hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix u żbir ta' siġar. Dan ser jieħu ħsieb il-Kunsillier Hales, skond il-kuntratt. | Hales |
| 08 | 2 | 6 | | 07.5.12 | Caruana: Skart wara l-festa | Caruana ġibed l-attnezzjoni tal-Kunsill fuq l-iskart li ħallew warajhom il-gabbani tal-festa wara li telqu, huwa propona li dawn jiġu imgella iħallsu għat-tindif . Rigward il-parking ta' disabled waqt il-jiem tal-festa, is-Sindku propona li jinstab post altenattiv fejn dawn jkun jistgħu jipparkjaw. Il-Kunsill qabel. | |
| 08 | 2 | 7 | | 07.3.7 | Camilleri: No parking fil-parti ta' San Girgor bejn k/m Triq San Piju u k/m Triq Beland | Camilleri talab spjegazzjoni rigward dan il-punt. Is-Sindku informa lil Kunsill li qed nistennew iktar kjarifiki rigward dan. | |
| 08 | 2 | 8 | | 07.2.7 | Agius: Attivita Etna Land | Agius infurmat lil Kunsill li l-attivita ta' Etna Land kienet suċċess u hemm il-ħsieb li isir oħra. | |
| 08 | 2 | 9 | | 07.5.17 | Agius: Gabana is-Sienja | Agius saqsiet fuq dan il-punt. Is-Sindku informa lil Kunsill li t-Tender ser tagħlaq f'Diċembru u toħroġ sejħa oħra. | |
| 08 | 2 | 10 | | 07.5.19 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Agius infurmat lil Kunsill li nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju ser isir laqgħa pubblika għal dawk li jixtiequ jieħdu sehem.f'Żejt iż-Żejtun. | |
| 08 | 2 | 11 | | 07.2.9 | Viċi Sindku: A+ Accesibility Award | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-applikazzjoni ġiet sotomessa il-bieraħ. | |
| 08 | 2 | 12 | | 07.3.6 | Viċi Sindku: Reserved Parking - Fr Anton Abela | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-applikazzjoni għal reserved parking ta' Fr Anton Abela għaddiet f'idejn it-TM | |
| 08 | 2 | 13 | | 07.5.14 | Viċi Sindku: Seringi fi Trejqet il-Kebbies tal-Fanali | Il-Viċi Sindku saqsiet x'gara fuq dan il-każ. Is-Segretarju informa lil Kunsill li r-rapport fuq is-seringi intbagħat lill-pulizija. | |
| **08** | **3** | | | | **Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/15. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | | 01 | MEPA - PA02476/15 | Il-Kunsill qabel nem.con li jikteb lil MEPA rigward din l-applikazzjoni peress li l-izvilupp jinsab fil-village core u li jinsab fi Sqaq San Isidoru u mhux Triq. | Segretarju |
| 08 | 3 | 2 | | 03 | TM: Loading/Unloading Bay fi Triq Salvu Cacciatolo k/m Triq Toni Zahra | Is-Sindku informa lil Kunsill li din it-talba ma gietx aċċettata mit-TM | |
| 08 | 3 | 3 | | 04 | TM: Reserved Parking f'isem Lorenza Azzopardi | Is-Sindku informa lil Kunsill li din l-applikazzjoni għal reserved parking ma gietx milqugħa mit-TM | |
| 08 | 3 | 4 | | 05 | TM: Reserved Parking f'isem Christian Attard | Is-Sindku informa lil Kunsill li din l-applikazzjoni għal reserved parking ma gietx milqugħa mit-TM | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 5 | | 06 | TM: Nuqqas ta' tabelli indikattivi fil-Marsa li jindikkaw direzzjoni lejn iż-Żejtun | Is-Sindku informa lil Kunsill li skond TM dan in-nuqqas ser jiġi rrangat u ser jitwaħħlu it-tabelli neċessarji | |
| 08 | 3 | 6 | | 08 | Daniel Tabone - Greenpak | Is-Sindku informa lil Kunsill li din qedgħa f'idejn il-Kunsilliera Agius. Agius infurmat lil Kunsill li s-servizz tal-ġbir tal-ħġieġ mar lura ħafna. Fenech talbet jekk nieħdux xi flus mill-ġbir tal-iskart reċiklabbli. Sindku qal li l-kuntratt għamilnieh aħna u xi ħaġa jifdal. Chircop saqsa dwar il-ġbir ta' skart organiku. Agius infurmat lil Kunsill li dan sa issa huwa proġett pilota. | |
| 08 | 3 | 7 | | 10 | Toni Abela - Bankina fi Triq Santu Wistin | Is-Sindku ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li kien hemm diversi lmenti mir-residenti għax il-kuntattur ħalla r-ramel fi triq. Il-Kunsill talab il-kuntrattur biex ineħħiħ. Caruana saqsa jekk hux ser titwessa l-bankina. Sindku informa lil Kunsill li minħabba l-parking mhux ser titwessa. Kien hemm xi ġonot u li dawn ser jintalab il-kuntrattur biex jinqalaw u jitranġaw, kif ukoll biex ikompli għaddejj b'xogħol u ma jieqafx. | |
| 08 | 3 | 8 | | 11 | Joseph M Callus - Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-kawża li kellna kontra id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni, Manutenzjoni, Taqsima u Xogħlijiet intilfet u s-somma li l-kunsill dovut lilhom ser titħallas fuq 10 snin. | |
| 08 | 3 | 9 | | 12 | Żejtun Corinthians | Is-Sindku qara l-ittra li ntbagħtet miż-Żejtun Corinthians fejn dawn talbu biex isir laqgħa mal-Kunsill xi ħin fil-għaxija. Il-Kunsilliera Fenech ser tieħu ħsieb. | |
| **08.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08 | 4 | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 08/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 08 | 4 | 2 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.com il-Petty Cash li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €131.39** | Segretarju |
| 08 | 4 | 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 08. | 5 | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 08 | 5 | 1 | | | Sindku: Żjara fiż-Żejtun | Is-Sindku informa lil Kunsill li fi 9 ta' Lulju kellna żjara mill-*Associatiates partners* li applikaw għal proġett għalih il-5 Senses. Dan il-grupp kien fil-maggornaza tiegħu Griegi, Taljani u Slovakki. Żorna Lorudcarm u ażżjendi oħra fi Żejtun li jipproduċu iż-żejt. | Sindku |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 5 | 2 | | | | Sindku: Triq Alfred Cachia Zammit | Sindku informa lil Kunsill li l-preparazzjoni fuq Triq Alfred Cachia Zammit mixi. Kellna *co-ordination meeting* mal-entitajiet, sar ukoll *meeting on site*. Ċertu preparamenti saru qabel ħarġet it-tender u ser isir xogħol estensiv speċjalment mill-WSC. Hawn hekk is-Sindku irringrazzja lil Ing Gino Micallef tax-xogħol tiegħu. Is-Sindku qal li kif toħroġ LA, il-kuntrattur ma jkollux skuża oħra biex jibda, iżda kollox jiddependi fuq ir rapport li qed iħejju l-WSC. It-triq ser isir fżfażijiet. Is-Segretarju intalab jikteb lil WSC lil Stefan Riolo biex naraw meta ser ikunu lesti biex toħroġ LA. | Segretarju |
| 08 | 5 | 3 | | | | Fenech: Attvitajiet | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li saret l-attivita tal-Pool Party u li fil-31 ta' Lulju ser isir l-attivita Zeta Bailar u li għal din l-attivita hemm bżonn li jitnadaf il-ġnien u li għal din is-sena it-tema ser tkun go green. Fi 8 t'Awwissu ser isir ħarġa għal Kemmuna. Ser isir ukoll Lejla taħt l-istillel u din isir bħala night hike. | Hales |
| 07 | 5 | 4 | | | | Fenech: Aerobics | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li ġiet avviċinata mill-Health Promotion biex niġbru 15 il-żagħżugħ/a li jkunu *over weight* biex jieħdu sehem fi proġett li qed isir minnhom. Ġejna mitluba nisponsorjaw €500 għal *equipment* u trasport. Ġie suġġerit li nippruvaw ningħaqdu ma' Kunsilli Lokali oħra biex l-ispiża tinqassam. | Fenech |
| 07 | 5 | 5 | | | | Abela: Ħmieġ fi Triq Ġużi Abela | Il-Kunsilliera Abela infurmat lil Kunsill li fi Triq Ġużi Abela qed ikun hemm ħafna ħmieġ għax hemm minn qed jitma lill qtates u dan qed joħloq inkonvenjent għar-residenti għax qed jiġu l-ġrieden. Is-Sindku talab biex tinġabar iktar informazzjoni fuq dan il-każ. | |
| 08 | 5 | 4 | | | | Chircop: Triq Villa Cagliares | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq Villa Cagliares il-parti t'isfel qed jinħareġ l-iskart barra fil-kantuniera. Is-Sindku qal li s-servizz għal-eco wardens u sar diffiċli. Il-Viċi Sindku proponiet li fil-web site tal-Kunsill jitella xi tip ta' avviż. Il-Kunsill qabel nem.con | Hales |
| 08 | 5 | 5 | | | | Chircop: Triq l-Iskola | Il-Kunsillier Chircop qal li fi Triq l-iSkola mhux qed jinġabar l-iskart minn quddiem id-djar iżda minn fejn il-gate ta' wara l-iskola fi Triq Antonio Micallef. Hales ser jiġi infurmat. | Hales |
| 08 | 5 | 6 | | | | Chircop: Triq Dun Spir Grixti | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li fi Triq Dun Spir Grixti hemm ħafna żrar biex jinkines. Hales ser jiġi infurmat bil-każ. | Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 5 | 7 | | | Chircop: Ġnien Brejġu | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Ġnien Brejġu hemm żewġ ħwat maħruġa l-barra u li qatt ma intlew bil-ħamrija. Is-Sindku ser jieħu ħsieb li isir l-manutenzzjoni neċċessarja. | Sindku |
| 08 | 5 | 8 | | | Chircop: Attivitajiet | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li nhar l-1 t'Awwissu ser isir Treasure Hunt għal tfal u żgħażagħ, fi 28 ta' Lulju Profs Lino Cutajar tal-filatelija ġej jagħmel preżentazzjoni u li fi 6 ta' Lulju saret preżentazzjoni ta' żewġ teżijiet waħda minn għand Lino Psaila u l-oħra saret minn Julia Isabella Cunor. Ta' dan il-Kunsill irringrazzjhom. | |
| 08 | 5 | 9 | | | Chircop: Wirja permanenti fil-Kunsill | Il-Kunsillier Chircop flimkien mas-Sindku infurmaw lil Kunsill li ser jitlestew il-prespex li ser jitpoġġew fil-kamra tas-salott tal-Kunsill fejn ser titella' wirja permanenti. | |
| 08 | 5 | 10 | | | Caruana: Scammels | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li rċieva xi lmenti li t-trakk tal-iscammel qed jidħol ġo toroq dojoq bi trakk il-kbir u għamel il-ħsara. Dan il-każ ser jagħdi f'idejn il-Kunsillier Hales biex ikellem lil kuntrattur. | Hales |
| 08 | 5 | 11 | | | Caruana: Housing Est ta' Ħal Tmin | Il-Kunsillier Caruana talab lil Kunsill biex jara jistax isir xi tiswija fuq il-flats li għandom iċ-ċnut. Is-Sindku qal li dawk il-flats tal-Housing Est ta' Hal Tmin daħlu fl-iskema u li issa l-manutenzzjoni tal-flats hija f'idejhom. Blokk wieħed ma daħalx fl-iskema li huwa Blk G. o BlkC. | |
| 08 | 5 | 12 | | | Caruana: Applikazzjoni għal bozza ġdida fi Triq id-Dulliegħ | Il-Kunsillier Caruana talab il-Kunsill kjarifika dwar l-applikazzjoni għal bozza ġdida fi Triq id-Dulliegħ. Is-Sindku assigura lil Caruana li din saret min-naħa ta' Segretarjat. | |
| 08 | 5 | 13 | | | Caruana: Talba għal-laqgħa bejn l-għaqdiet | Il-Kunsillier Caruana talab biex isir laqgħa bejn l-għaqdiet mal-Kunsill fuq Żejt iż-Żejtun, il-festa etc.. Is-Sindku informa lil Kunsill li nimxu bħas-sena l-oħra. | |
| 08 | 5 | 14 | | | Fenech: Premju tal-President tal-Krejattivita | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li nhar 29 ta' Lulju ser isir mural u affarijiet reċiklabbli biex nidħlu għal dan il-premju. Ser jieħdu sehem ukoll ir-residenti ta' Dar Nazareth. | |
| 08 | 5 | 15 | | | Fenech: Triq E Attard Bezzina | Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li kien hemm xi problemi fi Triq E Attard Bezzina rigward il-parking għax hemm minn qed jipparkja quddiem il-garaxxijiet. Ġew infurmati l-Pulizija iżda dawn ma marrux għax ma hemmx linji sofor. Skond il-Kunsillier Hales kien qal li bi ftehim tista' tipparkja quddiem garaxx, jekk ma għandux No Parking mal-garaxx wieħed jista' jipparkja. | Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 5 | 16 | | | Camilleri: Funtani | Il-Kunsillier Camilleri ġibed l-attenzzjoni li hemm bżonn li l-Kunsill jieħu ħsieb il-funtani għax mitluqin. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb. | Sindku |
| 08 | 5 | 17 | | | Camilleri: Triq it-Tempju | Il-Kunsillier Camilleri qal li fi Triq it-Tempju hemm ħajt magħluqh u li it-triq qed taqleb għal naħa oħra minħabba l-ilma tax-xita biex forsi titranġa. Camilleri qal ukoll li hemm xi ħofor li minnhom tilghajn il-ġrieden. | Sindku |
| 08 | 5 | 18 | | | Agius: Traffic Signs | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzzjoni tal-kunsill li fi Triq il-Labour hemm xi tabelli fi Central Strip biex jinġabru | |
| 08 | 5 | 19 | | | Agius: Child Day Care Centre | Il-Kunsilliera Agius preżentat cekk lil Kunsill ta' Euro 6000 b'kumpens mic-Child Day Care Centre. | |
| 08 | 5 | 20 | | | Agius: Triq il-Madonna tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius talbet lil Kunsill sabiex isir manutenzzjoni fi Triq il-Madonna tal-Ħniena fuq il-funtana, il-bankini għax qed jogħlew bis-sigar u l-ħamrija. | |
| 08 | 5 | 21 | | | Agius: Boroz tar-reċiklaġġ | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li qed isiru l-preparamenti biex isir it-tqassim tal-boroz tar-reċiklaġġ għax-xahar t'Awwissu. | |
| 08 | 5 | 22 | | | Agius: Ta' Tavlin | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li qed jingabar l-iskart quddiem peruna partikolari fil-kantuniera fi Triq Ta' Tavlin | |
| 08 | 5 | 23 | | | Agius: Sqaq fi Triq il-Labour | Il-Kunsilliera Agius talbet li Sqaq fi Triq il-Labour isir bil-konkos. | |
| 08 | 5 | 24 | | | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat il-Kunsill li fi 7 t'Awwissu ser isir ħarġa għal Għawdex, fi 19 t'Awwissu ħarġa għal Kemmuna, fil-21 t'Awwissu ser isir Festa Sajf, fi 29 t'Awwissu ser imorru l-iSplash & Fun, fi 12 ta' Settembru ser imorru Etna Land u fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru isir Weekend Break. Hawn hekk il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li inxtrat fridge għac-Child Day Care Centre li flus ser jittieħdu mill-fondi tagħha. | |
| 08 | 5 | 25 | | | Viċi Sindku: Triq Santa Fawstina | Il-Viċi Sindku irringrazzjat lil Kunsill talli saret il-barrier tal-ħadid fi Triq Santa Fawstina | |
| 08 | 5 | 26 | | | Viċi Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-attivita li saret fi 9 ta' Lulju minn fondazzjoni Nazareth maret tajjeb. Saret attivita oħra Zoe maż-żgħażagħ u l-anzjani. Il-Ħarġa li kella isir għal persuni b'diżabilita ġiet posposta għal 30 t'Awwissu. | |
| 08 | 5 | 27 | | | Viċi Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Il-Viċi Sindku proponiet biex ssir sleeping policeman fi Triq Xrobb l-Għaġin għax qed tkun perikoluża peress li hija 2 way. Is-Sindku ser jara x'jista jsir. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 5 | 28 | | | Viċi Sindku: Triq Ħajt il-Wied | Il-Viċi Sindku saqsiiet jekk Triq Ħajt il-Wied hiex ser tikompla bi tarmac peress li saret nofsha. Is-Sindku qal li hemm sar biss patching bil-cold asphalt. | Sindku |
| 08 | 5 | 29 | | | Viċi Sindku: Skate Park | Il-Viċi Sindku infurmat il-Kunsill li hemm xi ħadida maqlugħa fl-iSkate Park f'Ġebel San Martin. | Sindku |
| 08 | 5 | 30 | | | Viċi Sindku: Triq San Ġużepp | Il-Viċi Sindku infurmat il-Kunsill li fi Triq San Ġużepp hemm kelb mejjet. Ser jiġi nfurmat il-kuntrattru biex jinġabar. | |
| 08 | 5 | 31 | | | Sindku: Proġett Triq Strejnu | Is-Sindku preżenta studju fuq Triq Xrobb l-Għaġin li għamel is-Sur Malcolm Borg, tkomplija mal-proġett ta' Triq Strejnu. Dan l-istudju li ġie preżentat ukoll lil Kumitat tas-South, jibda minn fejn il-Ġnien tal-Kmandant u jibqa sejjer sa tas-Silġ. Is-Sur Borg preżenta *draft contract* tal-ispejjeż involuti biex hu jkun jista' jaħdem fuq dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li ser jagħmel il-proposta tiegħu u jara s-Sur Borg jaċċettax. Is-Sindku informa lil Kunsill li iktar dettalji jingħataw fl-laqgħa oħra. Il-Kunsill jaqbel li l-ispejjeż ma jaqbżuz €1500. | |
| 08 | 5 | 32 | | | Sindku: Tenders - Perit / Resurfacing ta' toroq / Żejt iż-Żejtun / Accountant | Is-Sindku informa l-Kunsill li t-Tenders ħarġu u li l-offerti ser jagħlqu fi 17 t'Awwissu. | Segretarju |
| | | | | | | | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv